Kunsill Lokali L-Iklin Local Council

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 49 – IT-TLIETA 2 TA' AWWISSU 2022**

Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Three Villages, nru. 11 Trejqet ir-Rumanzieri

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**49.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

49.1.1 Ma kienx hemm.

**49.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

49.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (48) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

49.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 49.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

49.3.1 Ma kienx hemm.

## 49.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

49.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar l-attività soċjali maħsuba għall-komunità tal-Iklin. Ser jiġi ppreparat materjal pubbliċitarju biex jasal direttament fid-djar kollha tal-lokalità. B'dan il-mod nassiguraw li nkunu qed nilħqu lil kulħadd filwaqt li ser tintuża l-pjattaforma tal-mezzi soċjali fuq il-paġna ta' facebook tal-Kunsill. L-attività soċjali ġiet skedata għal nhar il-Ġimgħa 26 ta' Awwissu 2022. Mawra sal-gżira Għawdxija. Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo se tkun qed tikkordina mal-Uffiċċju Amministrattiv biex tinħadem il-loġistika. Se tkun ko-ordinata l-attività mall-Kunsill Lokali Ħal Balzan peress li l-attività se tkun qed issir fl-istess data u fl-istess *venue*. Ħaġa sabiħa li Kunsilli ġirien jikkollaboraw biex jissaħħu l-komunitajiet.

49.4.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill kien irċieva komunikat mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar espressjoni ta' interess biex il-Kunsilli jipparteċipaw fil-kampanja 'The World CleanUp Day campaign' li tiġi organizzata fix-xhar ta' Settembru. Din l-espressjoni ta' interess se tiffinanzja sa massimu ta' Eur3k (VAT inkluż) lil kull Kunsill Lokali. Dawn l-attivitajiet għandhom jiġġeneraw aktar għarfien u kuxjenza dwar il-ħtieġa li postijiet pubbliċi jinżammu ndaf. Irid jasal il-messaġġ lis-soċjetà li nvestiment fl-indafa huwa nvestiment f'saħħitna. Ambjent san u nadif ikollu impatt pożittiv fuq saħħet il-bniedem u jikkontribwixi għal anqas mard.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill japplika għal din l-iskema u ġew identifikati żoni mhux daqstant abitabbli. Ser jiġu mistiedna l-għaqdiet tal-lokal biex jikkollaboraw inkluż is-sotto-Kumitati fi ħdan il-Kunsill. Il-ġurnata ġiet iffissata għal nhar is-Sibt 17 ta' Settembru. *Deadline* biex tiġi sottomessa l-applikazzjoni sa nhar il-Ġimgħa 12 ta' Awwissu.

49.4.3 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Community Policing tixtieq tikkollabora mall-Kunsill Lokali dwar attività fl-Iklin skedata għal nhar il-21 ta' Settembru fejn hemm il-ħsieb li ssir stedina lis-sezzjoni tal-Fornesika, Kavallerija, K9, SIU, RIU, sezzjoni tal-muturi tat-traffiku, Protezzjoni Ċivili u l-involviment tal-Aġenzija LESA.

Ġiet l-ideja li jiġu mistiedna Iklin Scout Group biex fid-dawl tal-istudju li ġie kkummissjunat riċentement mill-Kunsill bil-għan li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni u l-identità tal-lokal.

Biex l-attività tkun waħda kkulurita, hemm il-ħsieb li jiġu mistiedna numru ta' *performers* biex jikkumplimentaw din l-attività. Se tiġi ffissata laqgħa fl-immedjat bejn l-istakeholders kollha tal-lokal biex jitfassal programm u jiġu diskussi d-dettalji. Se tkun diskussa l-possibiltà li jsir BBQ fi Pjazza Ninu Cremona miftuħa għall-komunità tal-Iklin bħala mezz ta' soċjalizazzjoni. L-attività hija maħsuba għal nhar l-Erbgħa, 21 ta' Settembru bejn 0900hrs u 1330hrs.

49.4.4 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li fid-dawl tal-istudju li sar mill-Università ta' Malta, 'Iklin Community Project', kien qed jaħdem fuq *branding* ġdid bl-ideja li tingħata dehra friska u aktar moderna li tkun tista tintuża fl-attivitajiet li l-Kunsill jorganizza minn żmien għal żmien. F'dan ir-rigward, ser jiġi kkummissjunat id-disinjatur tal-Kunsill biex iħejji logo kontemporanju għall-avvenimenti li hemm ippjanati fil-futur qarib.

## 49.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI.

49.5.1 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa jekk tistax issir modifikazzjoni fl-għamara tat-triq (street furniture) li hemm fi Triq Anton Buttigieg peress li ħadd ma jista jpoġġi fuq il-bankijiet minħabba l-ħmieġ tal-għasafar. Staqsa jekk il-Kunsill jistax jikkummissjona kuntrattur biex jipprovdi stima bl-iskop li tissolva din id-diffikultà.

Is-Sindku Dott. Sciberras issekonda din l-ideja u kien maqbul li tintalab stima għal dawn ix-xogħlijiet.

49.5.2 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet jekk il-Kunsill ikunx interessat li jiġu organizzati tours fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann.

Is-Sindku Dott. Sciberras issekonda l-ideja tal-Kunsillier Farrugia u wieġeb li l-Kunsill jista jibda jaħseb biex jorganizza attivitajiet kulturali.

## 49.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI.

49.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn is-6 u l-20 ta' Lulju u 2022 kif jidher fid-dokument A u B.

48.6.2 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar korrispondenza nru. 1353/22. Talba għal żieda fir-rata tal-kuntratt ILC/T/1/2019 dwar il-ġbir tal-iskart domestiku minħabba żieda fir-rata tal-inflazzjoni.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li dan is-settur għaddej minn diffikultajiet kbar partikolarment meta jiġu biex jimpjegaw il-ħaddiema bħala kolletturi. Is-Sindku informa li l-kuntrattur qed jitlob Eur50 charge għal kull ġurnata mit-Tnejn sas-Sibt jeskludi l-ġurnata tat-Tlieta – (collection of recycling). U dan b'effett mill-1 ta' Awwissu 2022.

Wara numru ta' interventi mill-Kunsillieri, fejn is-suġġett kien diskuss b'mod matur u b'responsabbiltà, kien deċiż unanimament li l-Kunsill jikteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal direzzjoni. Fil-frattemp, is-Segretarju Eżekuttiv se jkun qed jitkellem ma' Kunsilli oħra li qed jiffaċċjaw l-istess diffikultajiet bl-istess kuntrattur.

**COMPLAINTS SHEET (6 July - 20 July 2022)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 167 | 07/07/2022 | Ilment rigward ġrieden żgħar fejn residenza 21 Amaryllis, Triq Erin Serracino Inglott | File Ref No 2581 | Triq S. Inglott | **Sanità** |
| 168 | 08/07/2022 | Ilment rigward ipparkjar ħażin fi Triq l-Awrikarja. Talba biex isiru *double lines* biex jonqos il-periklu qabel iweġġa' xi hadt | pending | Triq l-Awrikarja | **Council** |
| 169 | 08/07/2022 | Ilment rigward ħmieġ f'area ta' Triq l-Awrikarja 'l fuq | pending | Triq l-Awrikarja | **Council** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 170 | 08/07/2022 | Talba biex isiru *double yellow lines* mal-ġnub tad-drive ta' residenza fi Triq il-Wied | pending | Triq il-Wied | **Council** |
| 171 | 09/07/2022 | Ilment fuq ħsejjes minn tappieri fi Triq il-Wied għadhom iħabbtu. | pending | Triq il-Wied | **Council** |
| 172 | 11/07/2022 | Telefonata rigward kartun u rmied tan-nar tal-festa ġewwa Triq K Vassallo | settled | Triq K Vassallo | **Contractor** |
| 173 | 12/07/2022 | Hemm ħafna skart mormi fi Triq ir-Razzett l-Aħmar | pending | Triq ir-Razzett l-Ahmar | **Council** |
| 174 | 14/07/2022 | Ilment fuq ħsejjes mill-*gutters* ta' Triq il-Wied. Saru insapportabbli u r-residenti ma' jifilħux iktar dawn l-inkonvenjenzi. | pending | Triq il-Wied | **TM** |
| 175 | 15/07/2022 | Ilment rigward ħasil fit-triq tal-inġenji ready-mix fi Triq P.M. Vella u barra li qed iħammeg it-triq qed iħammeġ il-faċċati tar-residenzi. Police officer on site. | Settled | Triq P.M Vella | **Comm of Police** |
| 176 | 15/07/2022 | Talba ta' M.C. bay fi Triq Lewis F. Mizzi għaliex qed ikun hemm ħafna muturi u qed jieħdu spazju ta' vetturi. | Pending | 8, Triq Lewis F. Mizzi | **Council** |
| 177 | 15/07/2022 | Ilment dwar knaten fil-parking bays fi Triq Ġużè Galea | Settled | Triq Ġużè Galea | **Council** |
| 178 | 16/07/2022 | Parkeġġ fuq double yellow lines fi Triq Razzett L-Aħmar c/w Triq il-Prinjol | ongoing | Triq ir-Razzett l-Aħmar | **Community Policing** |
| 179 | 18/07/2022 | Id-dawl kollu ta' Triq il-Ħwawar mhux jixgħel. | settled | Triq il-Ħwawar | **Enemalta** |
| 180 | 18/07/2022 | Rapport li fi Triq Erin S Inglott l-area kollha raw infestazzjoni ta' ġrieden | Reported to MHI Health | Triq E S Inglott | **MHI Health** |
| 181 | 19/07/2022 | Twaqqa' ħajt u qed jinbeda ieħor iktar 'il barra f'parti dejqa ta' Triq il-Ħwawar | Pending | Triq il-Ħwawar | **Council** |
| 182 | 19/07/2022 | Ilment rigward skart li jikkonsisti f'karkass fi Triq il-Balal | Pending | Triq il-Balal | **Contractor** |
| 183 | 20/07/2022 | Ilment rigward ilma dieħel mill-bankina għal ġol-garaxx 78, Ivy, Triq Sefano Erardi | pending | Triq S. Erardi | **Council** |

## 49.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

49.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

49.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

49.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

49.7.4 Awtorizazzjoni għal xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni għax-xiri ta' (50) A5 3-day per pg diairies mingħand il-fornitur Printex Ltd għall-prezz ta' Eur124.79c VAT inkluż; *Nem con*.

2. Kwotazzjoni għax-xiri ta' hosepipe 80 mtrs għat-tisqija mingħand il-fornitur I V Portelli & Sons Ltd għall-prezz ta' Eur204.00c VAT inkluż. *Nem con*.

3. Kwotazzjoni għal xogħol ta' manutenzjoni ta' ħitan tas-sejjiegħ mingħand il-fornitur Pro OHS Consultants għall-prezz ta' Eur1,345.20c VAT inkluż. *Nem con*.

4. Kwotazzjoni għas-servizz ta' Cash in transit trips mingħand il-fornitur Security Service Malta Ltd għall-prezz ta' Eur8.80 per trip VAT eskluż. *Nem con*.

## 49.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

49.8.1 Applikazzjoni PA 04556/22 – Triq Ċensu Busuttil c/w Triq Mons. Pietru Pawl Saydon, L-Iklin. Demolition of existing terraced house and construction of 15 garages at basement level, 2 Class 4B shops and (1) maisonette at ground floor level, 12 apartments and (2) penthouses.

Il-Konsulent tal-Kunsill qed jagħmel rakkomandazzjoni lill-Kunsill biex jikteb lill-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-iżvilupp propost peress li wieħed mill-ħwienet proposti jeċċedi 75 m$^2$.

Waqt id-diskussjoni, kien innutat li dan l-iżvilupp propost huwa identiku għal żvilupp ieħor li kien qed jiġi propost fil-kantuniera l-oħra. Kien deċiż li l-Kunsill jikkorrispondi mall-Konsulent peress li l-iżvilupp propost isemmi tibdil fil-linja tal-bini u t-tneħħija tal-ħamrija. Jidher li li ma ġietx a konjizzjoni tal-Konsulent biex ikun assigurat li l-Kunsill iżomm l-istess pożizzjoni li ttieħdet fir-rigward ta' PC 0004/20.

Il-Kunsill ser ikompli jsegwi din l-applikazzjoni.

49.8.2 Applikazzjoni PA 03168/22 – Triq Karmenu Vassallo L-Iklin 'Addition of pool at roof level over each of 2 penthouses within building approved as per PA 05760/20 and PA 01247/21. Application also includes alterations to approved layouts to apartments including the conversion of 3-bedroom penthouses to 1-bedroom units.

## 49.9 TWEĠIBA GĦALL-ITTRA TA' DIREZZJONI MINGĦAND L-UDITUR ĠENERALI

49.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras talab sospensjoni tar-regolamenti biex jiġi diskuss item nru. 49.10 minflok item nru. 49.9. *Nem con*.

49.9.2 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta l-Ittra ta' Direzzjoni u t-tweġiba għaliha fuq kull punt.

49.9.3 L-Accountant wieġeb għall-Ittra ta' Direzzjoni u ta spjegazzjoni fuq kull punt.

49.9.4 Imbagħad is-Sindku staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet dwar l-Ittra ta' Direzzjoni.

49.9.5 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar punt nru. 7 'Payables' fejn l-Ittra ta' Direzzjoni tiġbed l-attenzjoni dwar żewġ fornituri Med Developer Designers u Spinning Photos li skont il-kotba tal-Accounts kienu qed jidhru bħala bilanċi pendenti jiġifieri mhux imħallsa filwaqt li

meta ġew iċċirkolati *confirmation letters* lil dawn iż-żewġ fornituri biex jikkonfermaw il-bilanċi, tal-aħħar wieġbu 0 balance.

49.9.6 Din il-kjarifika ġiet imwieġba mill-Accountant fejn spjega li fiż-żewġ istanzi kienu deskritti bħala *double accounting* tal-fattura u sintendi pagament żejjed. Fil-fatt, il-Kunsill aġġusta l-Istqarrijiet Finanzjarji kif rakkomandat mill-Udituri tal-Gvern biex jiġu rikonċiljati dawn id-differenzi.

49.9.7 L-Accountant ikkonkluda li l-Kunsill Lokali L-Iklin ħareġ bi *clean report* f'dan l-audit u dan juri li l-Kunsill jaħdem b'għaqal. Dan jawgura tajjeb lill-Kunsill għal mod kif jamministra l-finanzi tal-Kunsill.

49.9.8 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex japprovaw it-tweġiba li ġiet ippreparata għall-Ittra ta' Direzzjoni.

49.9.9 Il-Kunsill approva *nem con*.

## 49.10 *PROJECT PROGRESS REPORT* DWAR IL-*PLAYING FIELD*

49.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li beda x-xogħol fuq il-manutenzjoni tal-playingfield fi Pjazza Ninu Cremona. Tħejja programm ta' xogħol fejn l-ewwel fażi tal-proġett se jkun it-tneħħija ta' rubber flooring, modifikazzjoni fil-pavimentar eżistenti, tneħħija tal-playing equipment u tqegħid ta' playing equipment ġdid, u l-manutenzjoni tal-gazebo. Fil-ġimgħat li ġejjin se jkun qed isir *rubber flooring* ġdid biex jingħalaq l-ewwel fażi tal-proġett.

Fil-frattemp, il-Kunsill għandu applikazzjoni pendenti mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-istruttura ta' *sail shades* peress li hija struttura ġdida li ser tiġi implimentata bħala parti minn titjib fl-imsemmi playing field bħala protezzjoni mill-elementi partikolarment fl-istaġun tas-Sajf.

49.10.2 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa jekk kienx il-mument opportun li l-Kunsill jitkellem mas-Sur Alfred Baldacchino li huwa espert fuq is-siġar u l-fjuri indiġeni Maltin biex jagħtina rakkommandazzjonijiet dwar x'tip ta' siġar jistgħu jiġu mħawwla fl-istrippa tal-playingfield biex is-siġar iservu bħala post ta' kenn mill-elementi tax-xemx.

49.10.3 Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għandu *commitment* x'jonora u minkejja li l-ideja hija sublimi jiġifieri li jitħawwlu siġar li joffru dell għall-playing field, mill-banda l-oħra l-Kunsill jew aħjar iċ-ċittadini li jiffrekwentaw il-playing field ma' jistgħux jistnennew is-snin biex is-siġar jikbru, jimmaturaw biex joħolqu d-dell.

Fuq dan il-punt, kien deċiż li xorta nitkellmu mas-Sur Baldacchino biex jipproponi x'tip ta' siġar jistgħu jitħawlu biex jitneħħew l-ispeċi invażivi mill-imsemmija strippa li hemm bil-ħamrija.

Fl-aħħarnett, is-Sindku għadda suġġeriment dwar il-possibiltà biex l-i*street furniture* tkun aktar qrib il-playing equipment.

49.10.4 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li l-footprint tal-playing field ma tantx tippermetti minħabba nuqqas ta' spazju, però ser jintalab parir mingħand l-Engineer li jiċċertifika l-istat tal-playing field biex jevalwa dwar dan is-suġġeriment.

## 49.11 ESPRESSJONI TA' INTERESS – FINANZJAMENT MILIED 2022

49.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li d-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy nediet espressjoni ta' interess dwar finanzjament għall-Milied 2022.

L-għan ta' din l-espressjoni ta' interess huwa proprju biex tagħti l-opportunità lill-Kunsilli Lokali jorganizzaw attivitajiet u jieħdu inizjattivi f'dan il-perjodu li jġib miegħu il-ferħ tal-Milied.

Is-Sindku kompla billi qal li proprju f'dan l-ispirtu l-Kunsill għandu jfassal programm għall-festi natalizji 2022 biex ngħaqqdu l-komunità tal-Iklin u l-Kunsill ikompli jaħdem biex tissaħħaħ l-identità ta' dan il-lokal.

Informa li kellu laqgħa b'mod informali mall-Wisq Rev. Kappillan dwar il-programm tal-Milied bl-iskop li jkun hemm kollaborazzjoni u ko-ordinazzjoni f'dak kollu li jiġi organizzat fil-festi natalizji.

Fid-dawl tal-istudju li ħareġ mill-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, 'Iklin Community Project', is-Sindku Dott. Sciberras ippropona li l-Kunsill joħloq attività fl-apert permezz ta' element bandistiku u kunċert vokali fi Pjazza Ninu Cremona.

Fl-istess pjazza, jittellgħu numru ta' stalls armati bi ħlewwiet tradizzjonali tal-Milied idealment rappreżentati minn tlieta sa erba' pajjiżi differenti bil-għan li nintegraw lill-komunità barranija li tgħix fl-Iklin.  B'dan il-mod, il-Kunsill ikun qed jaħdem għal aktar koeżjoni fil-komunità, inklużjoni, solidarjetà u d-diversità.  Żied jgħid li sab kollaborazzjoni sħiħa mill-W. Rev. Kappillan fejn qed joffri l-knisja biex ikun jista jittella l-kunċert vokali dment li r-repertorju jkun wieħed reliġjuż.

Imbagħad dan is-suġġett kien miftuħ għad-diskussjoni.

49.11.2 Il-Kunsillier Emanuel Zammit appoġġja l-proposta li ressaq is-Sindku fuq il-mejda għad-diskussjoni u għadda numru ta' kummenti validi dwar kif tista tinħadem il-loġistika u jekk il-food stalls armati b'ikel u jew ħlewwiet hux ser jintalab ħlas jew tintalab donazzjoni a favur xi organizazzjoni filantropika. Irrimarka wkoll li rigward il-possibiltà li l-kunċert vokali jittella fil-knisja, il-komunità barranija li jħaddnu twemmin jew denominazzjonijiet differenti biex il-festa tkun waħda inklussiva.

49.11.3 Il-Kunsillier Godwin Catania tkellem fuq l-element bandistiku biex il-Kunsill jikkunsidra jistieden banda partikolari distinta mill-baned tradizzjonali fejn l-element bandistiku jilbes il-libsa tal-Milied u jesegwixxi mużika melodjuża adatta għaż-żmien tal-festi natalizji.

49.11.4 Il-Kunsillier Bernice Farrugia tappoġġja l-ideja li fil-pjazza jintramaw *food stalls* però ressqet numru ta' mistoqsijiet validi dwar il-food handling minħabba *issues* ta' sanità. Staqsiet jekk il-Kunsill ikunx kopert b'polza ta' assikurazzjoni sabiex nissalvagwardjaw is-Saħħa u s-Sigurtà kemm tal-parteċipanti kif ukoll tal-persuni li jattendu.

49.11.5 Is-Sindku Dott. Sciberras filwaqt li wieġeb għal ħafna mill-mistoqsijiet validi li saru matul id-diskussjoni, stqarr li dawn l-idejat kienu għadhom qed jiżviluppaw però żied li l-Kunsill huwa marbut b'deadline li jeħtieġ li nżomm

miegħu jekk il-Kunsill irid jibbenifika minn fondi kif stipulat fiċ-ċirkolari.

Is-Sindku żied jgħid li kien qiegħed jagħmel il-kuntatti biex jara x'hawn fis-suq u anke jinġiebu stimi għal dawn is-servizzi.

Fir-rigward tal-food stalls, is-Sindku kien tal-parir li biex inkunu siguri, il-food stalls jiġu ridotti għall-ħlewwiet għax ir-riskji huma ferm anqas.

Ikkonkluda li *deadline* biex il-Kunsill ikun jista japplika għal din l-espressjoni ta' interess hija sad-19 ta' Awwissu. Is-Sindku stieden lill-Kunsillieri biex jikkomunikaw mas-Segretarju Eżekuttiv biex jgħaddulu l-kuntatti biex ikun jista javviċina lill-artisti.

49.11.6 Wara diskussjoni wiesgħa, is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo biex jikkunsidra u japprova il-programm propost skedat għal nhar id-9 ta' Diċembru kif jidher hawn taħt suġġett li l-Kunsill jottjeni 90% tal-ispejjeż u naturalment jekk it-temp ikun jippermetti (weather permitting):

i. Kunċert tat-tfal fi Pjazza Ninu Cremona bejn il-6pm u 6.30pm;
ii. Servizz tal-banda mill-bigfriends guggenmusik 1st Maltese guggen national band mat-toroq tal-Iklin u jispiċċa fi Pjazza Ninu Cremona bejn il-5pm u 6.30pm;
iii. Kunċert mill-grupp lokali dropout djbrass fl-ispazju miftuħ li jibda fis-6.30pm sat-8pm;
iv. Twaqqif ta' posti (kannizzati) total ta' erba (4) rappreżentati minn pajjiżi differenti li jqassmu ħlewwiet tradizzjonali tal-Milied lill-pubbliku kontra donazzjoni li tmur għal Puttinu Cares;
v. 'Nibnu grotta' għat-tfal tal-komunità nhar is-7 ta' Diċembru fis-Sala tal-Kunsill bejn l-4pm u s-6pm;

49.11.7 Il-Kunsill approva *nem con* suġġett li d-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy japprova l-ispiża ta' 90% tal-programm propost. Il-Kunsill ser jiffinanzja l-10% tal-ispiża skont il-programm propost, jiġifieri l-ammont ta' Eur953.50c.

## 49.12 IKLIN COMMUNITY STUDY – TWAQQIF TA' WORKING GROUP

49.12.1 Is-Sindku Dott. Sciberras qal li issa li l-Kunsill għandu l-istudju f'idejh huwa fid-dmir li jibdew jiġu ndirizzati n-nuqqasijiet u l-ħidma tal-Kunsill trid tkun indirizzata b'mod li tissaħħaħ il-komunità u tissaħħaħ l-identità tal-lokal.

F'dan l-ispirtu, is-Sindku qed jipproponi li jitwaqqaf *working group* li jkun magħmul minn numru ta' residenti nteressati li lesti jxammru l-kmiem biex jivvolontarjaw bil-għan li jintlaħqu l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini tal-Iklin.

Wara diskussjoni wiesgħa fuq dan is-suġġett fejn saru numru ta' interventi mill-Kunsillieri, kien hemm qbil unanimu li ssir espressjoni ta' interess billi tintbagħat ittraaħbar f'kull dar biex naraw x'ser ikun ir-rispons.

Is-Sindku qal li kif jiġi ffurmat il-*working group*, hemm stedina li qed issir mill-W. Rev. Kappillan biex issir l-ewwel laqgħa ta' introduzzjoni u fl-istess waqt okkażjoni biex niltaqgħu mall-Kummissjoni Djakonija.

## 49.13 PROĊESS GĦAL SEJĦA GĦALL-AKKWIST PUBBLIKU GĦAL SERVIZZ TAL-BULKY REFUSE

49.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li fi ftit tax-xhur oħra se jkun qed jeskadi l-kuntratt tas-servizz tal-bulky refuse. Dan il-kuntratt kien għall-perjodu ta' (4) snin.

49.13.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill irid jibda l-proċess u jieħu ħsieb li jawtorizza l-ispiża għal dan is-servizz. L-ispiża totali fuq is-sena 2018 kienet tlaħħaq iċ-ċifra ta' Eur7,523, fis-sena 2019 iċ-ċifra kienet Eur6,962, fis-sena 2020 iċ-ċifra kienet Eur7,848 filwaqt li l-ispiża għas-sena 2021 kienet tlaħħaq Eur7,409.

49.13.3 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jawtorizza l-ispiża għal dan il-kuntratt.

49.13.4 Il-Kunsill approva l-ispiża *nem con*.

49.13.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ser jitkellem mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali qabel ma jinbeda l-proċess tal-akkwist pubbliku.

## 49.14 PROĊESS GĦAL SEJĦA GĦALL-AKKWIST PUBBLIKU GĦAL SERVIZZ TAL-KNIS.

49.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li fi ftit tax-xhur oħra se jkun qed jeskadi l-kuntratt għas-servizz tal-knis b'mod favur l-ambjent. Dan il-kuntratt kien għall-perjodu ta' (4) snin.

49.14.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-allokazzjoni finanzjarja għal dan is-servizz kien ilaħħaq Eur36,750. Ma' dan vot ta' Eur5,782 għal tindif ta' toroq mhux urbani.

49.14.3 Fil-preżent jeżistu diffikultajiet f'dan is-settur fejn jidħol l-ingaġġ tal-ħaddiema, l-istess sitwazzjoni qed tkun riflessa fl-immaniġġjar tal-iskart fejn il-kuntratturi qed jitolbu awment fil-prezz minn dak ikkowtat fl-akkwist pubbliku,

49.14.4 Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li preżentement għaddej l-akkwist pubbliku dwar l-Immaniġġjar tal-iskart li se jkun qed jopera fuq bażi reġjonali u mill-informazzjoni li kiseb, jidher li hemm punti fid-dokument tal-offerta li mhumiex koperti fosthom it-tbattil tal-iskart mill-litter bins u l-ġarr tal-istess skart għaldaqstant il-Kunsill għandu jipprovdi dokument b'saħħtu għas-servizz tal-knis biex jassigura li l-Kunsill ma jiġix f'sitwazzjoni fejn ċertu servizzi ma jkunux koperti f'dan il-kuntratt.

49.14.5 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jawtorizzaw l-ispiża għal dan is-servizz fuq perjodu ta' (4) snin.

49.14.6 Il-Kunsill approva nem con.

49.14.7 Is-Segretarju Eżekuttiv se jkun qed jikkomunika mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dan il-kuntratt qabel ma jibda l-proċess għas-sejħa tal-akkwist pubbliku.

## 49.15 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

49.15.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 30 ta' Awwissu 2022 fil-5.30 p.m.

49.15.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Awwissu 2022 fil-5.30 pm.

49.15.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.47 p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ____________________ | ____________________ |
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |